**5 ta' Ottubru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Carlo Camilleri

*versus*

Wing Commander Henry Buick ne.

**Servitù — Skol tal-Ilma — Art. 440(3) u 357 Kap. 23.**

*Is-sid ta' fond li jinsab f'livell aktar għoli ma jistax jagħmel ebda ħaġa li tirrendi iżjed gravuża s-servitù tal-fond aktar baxx.*

*Biex jista' jingħad li hemm dan l-aggravament hu meħtieġ illi l-fond inferjuri jsofri ħsara, illi din il-ħsara tkun akbar minn dik dovuta għal skol naturali tal-ilma, u illi tkun ta ċerta gravità.*

*Jekk fil-fatti jirriżulta li kien hemm din il-ħsara ta' ċerta gravità, sid il-fond superjuri hu obligat jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex jirripara għall-konsegwenzi tal-għemil tiegħu; u ma jistax jippretendi li hu, meta għamel ix-xogħolijiet li kkaġunaw l-aggravament tas-servitù kien qed jeżerċita dritt lilu provenjenti mill-proprjetà, għaliex il-proprjetarju ma jistax jagħmel minn ħwejġu użu projbit*

*mill-liġi, kif inhu aggravament ta' servitù ta' skol naturali tal-ilma.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut ultimament biddel il-livell tal-proprjetà tiegħu (raba' mgħoxa) adjaċenti għall-proprjetà tal-attur, konsistenti f'ċirka 53 tomna u 3 sigħan raba' appellat "ta' Wied Coton", f'Ħal Far, u għamel fl-imsemmija proprjetà tiegħu (tal-konvenut) kambjamenti oħra, fl-istruttura tal-fond li rrendew iżjed gravuża s-servitù legali ta' skol ta' ilma gravanti fuq l-imsemmija proprjetà tal-attur; u illi b'dan l-aġir tiegħu l-konvenut arreka danni konsiderevoli lill-attur, li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab (1) li l-konvenut jiġi kundannat jirrimetti l-fuq imsemmija proprjetà tal-attur fl-istat pristinu tagħha kif jiġi pruvat il-quddiem, taħt id-direzzjoni ta' perit li tinnomina l-Qorti, billi jagħmel dawk ix-xogħolijiet li għal dan l-iskop ikunu neċessarji; (2) li jiġu likwidati, per opera ta' perit eliġend, id-danni kaġunati b'dan l-aġir tiegħu lill-fuq imsemmija proprjetà tal-attur. Salvi drittijiet oħra tal-attur. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-azzjoni esperita mill-attur tinsab bażata fuq l-art. 440 tal-Kodiċi Ċivili, u preċiżament taħt is-subart. (3), li jiddisponi illi "s-sid tal-fond aktar għoli ma jistax lanqas jagħmel ebda ħaġa li tagħmel iżjed gravuża s-servitù tal-fond aktar baxx";

Biex jista' jingħad li hemm dan l-aggravament, hu meħtieġ illi l-fond inferjuri jsofri ħsara, illi din il-ħsara tkun akbar minn dik dovuta għall-iskol naturali, u illi tkun ta' ċerta gravità. Is-sapjenza rumana tagħtina xi eżempju ta' dan l-aggravament:— "Totiesque (actio) locum habet quoties manu facto opere agro aqua nocitura est; id est cum quis manu fecerit quo aliter flueret quam natura soleret; si forte immittendo eam aut maiorem fecerit, aut citatiorem, aut vehementiorem" (Leg. 1 Dig. De aqua et

aqua pluvae arcenda). Fuq dan il-prinċipju mmodellat ruħha d-dottrina ġuridika (Laurent, Diritto Civile, Vol. VII, §369; Baudry, Beni, §827; u Pacifici Mazzoni, Servitù Legali, §22); u l-ġurisprudenza (Fadda, art. 536 Kod. Ċiv. Ital. §§99 u 104);

Anki l-Qrati Tagħna spekkjaw ruħhom fuq l-imsemmi prinċipju; u din il-Qorti, fil-kawża "Nobile Orade Testaferrata Moroni Viani vs. Lorenzo Farrugia Bugeja", deċiża fl-24 ta' Novembru 1881, osservat illi "la legge, vietando di fare cosa che rende più grave la servitù del fondo inferiore, volle necessariamente intendere che il risultato dell'atto del proprietario superiore arrechi un pregiudizio reale, non verificandosi il quale l'atto deve essere mantenuto. Il pregiudizio, adunque, sarà ognora la norma che dovranno osservare i tribunali nel pronunziare" (Kollez. IX, 589 konfermata fl-Appell, v. Kollez. X, 176). Liema nsenjament ġie segwit minn din il-Qorti fil-kawża "Debattista vs. Massa", deċiża fil-25 ta' Ġunju 1935 (Kollez. XXIX-II-590), u applikat f'każ ta' tibdil fil-livell tal-fond (Kollez. XXIV-I-408), u ta' awment fil-volum tal-ilma (Kollez. XXXVII-II-637 u l-awtoritajiet hemm ċitati);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk fil-każ tagħna l-konvenut aggravax bl-għemil tiegħu s-servitù in kwistjoni;

Illi, skond il-provi, l-ilma tal-wied, qabel ma sar il-bini in kwistjoni, kien jaqa' fuq ir-raba' tal-atturi in parti biss, u issa qiegħed imur fuqu kollu (fol. 25); qabel l-ilma kien ftit, u issa żdied (fol. 32); qabel l-ilma ma kienx jgħaddi bħal-lum, għax kien jitqassam mad-diversi għelieqi u jinżel bil-mod; u, kif xehed Emmanuele Camilleri, jekk qabel l-ilma kienet tieħdu katusa waħda, il-lum qed jinżel daqs kemm jesgħu sitt katusi (fol. 36); qabel ir-raba' kien jinħadem kollu, issa le (fol. 32); qabel ma kienx isofri ħsara mhux bħal-lum, għaliex l-ilma jaqa' f'daqqa (fol. 36), u għalhekk mnejn jgħaddi, l-ilma jwitti u jagħmel gandott fil-ħamrija (fol. 35); il-ġibjun (tank) li għamel il-konvenut biex jiġbor l-ilma ma dwar il-bini ma jidherx li huwa suffiċjenti, u meta jintelgħa, l-ilma joħroġ minn katusa u jibqa' sejjer għar-raba' tal-attur (fol. 32);

Illi, skond il-perizja ġudizzjarja, minħabba l-bini li sar kellu jsir tibdil tal-art minn kif kienet oriġinarjament, u f'ċerti bnadi anki tibdil ta' livelli; il-"flow" ġenerali taxxita qawwija, u anki moderata, huwa tali li l-ilma jinżel mill-għoli; u sar anki tibdil fil-"water course"; u għalhekk, minħabba l-ħsara li ssir, il-perit issuġġerixxa li jsiru kanali ta' erbgħa piedi bi tliet piedi taħt l-art, fejn imur l-ilma, u dawn ikunu ta' "concrete surface", u jkun hemm twittija bil-ħamrija;

Illi l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, hija tal-fehma illi l-konvenut, minħabba l-kostruzzjonijiet li għamel, aggrava s-servitù eżistenti, u hu obligat jirripara għall-konsegwenzi tal-għemil tiegħu. Xejn ma jiswa illi hu, kif jippretendi, meta għamel dawk il-kostruzzjonijiet, kien qed jeżerċita dritt lilu provenjenti mill-proprjetà; għaliex, skond l-art. 357 (Kod. Ċiv.), huwa ma jistax jagħmel minn ħwejġu użu projbit mil-liġi, kif inhu kontra l-liġi kull aggravament ta' servitù ta' skol naturali ta' ilma (art. 440(3) fuq ċitat);

Illi għalhekk l-ewwel talba tal-attur tinsab sostnuta, fis-sens li jridu jsiru x-xogħolijiet meħtieġa biex jiġi evitat l-aggravament tas-servitù;

Illi, dwar it-tieni talba, għad ma sarux il-provi neċessarji tad-danni reklamati mill-attur, u kwindi hemm bżonn tal-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut nomine jagħmel il-kanali taħt l-art suġġeriti fil-perizja ġudizzjarja, u taħt id-direzzjoni tal-imsemmi I.Ċ.A. Victor Grech, għal dan l-iskop espressament inkarigat; u dan fi żmien xahar mil-lum, salva proroga għal raġuni tajba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

U, għall-fini tat-tieni talba, tordna li l-inkartament jiġi a spejjeż provviżorjament tal-attur, rimess quddiem il-perit ġudizzjarju sabiex, bl-assistenza tal-Avukat Dr.

Carmelo Zammit, jillikwida d-danni kagunati biss mill-aggravament tas-servitù in kwistjoni, u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-każ . . . . .;

Tiddiferixxi l-kawża għall-preżentazzjoni tar-rapport għad-9 ta' Novembru 1959.